MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 916/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Costantino Felice detentur tal-karta tal-identita' numru 257586M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq isemmi **Costantino Felice** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Awwissu, 2011 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/I jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, skont l-Artiklu 22(2b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura li jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pusess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liena droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, skont l-Artiklu 22(2b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, skont l-Artiklu 22(2b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kellu fil-pusses tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligiijet ta' Malta;

5. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli b'obdnix l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak illi haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi;

7. U aktar talli saq vettura tal-ghamla Peugeot 607 bin-numru tar-registrazzjoni ABQ262 b'giri aktar milli jmiss u b'manjiera traskurata u perikoluza;

8. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla Hyundai Atos bin-numru tar-registrazzjoni IAK607, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma hi izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), ghad-dannu tal-kumpanija Topcar Services Ltd.

Rat illi moqrija l-istess, fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess (folio 179).

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Kontro Ordni mibghuta aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, dejjem taht l-istess Kapitolu msemmi;

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta li ghalihom l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ir-rikors maghmul mill-Avukat Generali u Costantino Felice, ai termini tal-Artikolu 392A (5) tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, fejn talbu lill-Qorti li fl-eventwalita’ li l-istess imputat jirregistra ammissjoni, il-piena li ghandha tigi nflitta tkun ta’ erba’ (4) snin prigunerija effettiva u multa ta’ erbat elef Ewro (€4,000), kif ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur. Dan dejjem oltre kull sanzjoni u/jew konsegwenza ohra tassattiva meta ssir dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ htija taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u proprjeta’ mobbli u immobbli appartenenti lill-akkuzat.

Rat illi fil-fatt l-imputat Costantino Felice, irregistra l-ammissjoni tieghu u kkonferma l-istess, tant illi l-Qorti anke ghaddiet biex tisma’ l-provi dwar il-piena u anke halliet din il-kawza ghal gudizzju.

Rat anke l-atti kollha tal-kawza minn fejn jirrizulta li l-pulizija kienu qed jaghmlu osservazzjonijiet fuq Costantino Felice meta raw kuntatt isir bejnu u bejn Fabian Vella u Joshua Gatt. Dawn gew imwaqqfa. Instabu fil-vettura taghhom affarijiet relatati mat-tehid tad-droga - qiegh ta’ bott bi tracci fuqu, xi siringi, u lazz. Kemm Vella kif ukoll Gatt kienu rrilaxxaw stqarrijiet li kienu gew guramentati - dawn aktar tard gew ezebiti fl-atti. L-istess Vella u Gatt, decizi l-proceduri taghhom, iddeponew quddiem din il-Qorti. It-tnejn ikkonfermaw li dakinhar li kienu gew imwaqqfa mill-pulizija,

huma kienu ghadhom kemm akkwistaw id-droga eroina minghand l-imputat. Xehdu wkoll illi kienu xtraw din id-droga minghandu drabi ohra.

Xehdu wkoll il-pulizija (**ara xhieda per ezempju ta' PS 579, PC 599, PC 279**), illi darba li gie segwit Felice, dan kien bil-vettura Peugeut 604 bin-numru tar-registrazzjoni ABQ262. Dan kif gie mwaqqaf mill-pulizija rriversja, saq anke bir-reverse. Mir-residenza tieghu skont ix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija, gew elevati affarijiet relatati mad-droga - bhal sustanza suspettata eroina, sikkina mahruqa, mizien elettroniku, kantunieri ta' boroz bi tracci, landa tal-hadid li kien fiha tliet (3) boroz suspettati bil-haxixa cannabis grass, pipa, kif ukoll resin tal-cannabis. Instabu wkoll fir-residenza tieghu forma ta' pipa, diversi siringi wzati, anke kaxxa blue tal-hadid li tissakkar bic-cavetta. Darba li nfethet din il-kaxxa, instabet fiha karta li kienet turi l-pagamenti li Costantino kien qed jaghmel ma' xi dealer fuq l-istess Peugeot. Instabu wkoll fl-istess kaxxa varji flejjes fl-ammont ta' erbat elef erba' mija u sittax-il Ewro (€4,416.00).

Intqal ukoll illi mill-vettura tieghu, gie elevat ukoll pepper spray u tliet (3) mobiles.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-pulizija, illi meta Felice kien qed jirriversja, intlaqtet xi vettura.

Rat ukoll il-konkluzjoni tal-**Ispizjar Mario Mifsud** darba li analizza s-sustanza u l-oggetti elevati, kif hawn fuq elenkat, illi kkonkluda:

*"*

a. *Illi ma nstabux sustanzi llegali fuq il-bicca foil li kien hemm fid-dokument 400/11/01, fuq l-erba' (04) bicciet tal-foil u l-flixkun tal-plastic li kien hemm 400/11/02, siringa wzata u tliet (03) bicciet foil li kien hemm fid-dokument 400/11/03, it-tliet (03) bicciet foil u l-erba' (04) bicciet tal-plastik li kien hemm fid-dokument 400/11/06, is-speci ta' tapp tal-plastik, il-hames (05) bicciet ta' plastic u t-tnax (12)-il siringa wzata li kien hemm fid-dokument 400/11/07 u bicca plastic fid-dokument 400/11/08;*

b. *Li t-tliet zerrieghat tal-cannabis li kien hemm fid-dokument 400/11/04 raw rizultat pozittiv ghall-germinazzjoni;*

c. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) gol-pipa tal-metall li kien hemm fid-dokument 400/11/04. Is-sustanza THC tinstab fil-pjanta tal-Cnnabis;*

d. *Li s-speci ta' haxix ahdar imfarrak li kien hemm fid-dokument 400/11/04, f'ammont nett totali ta' 3.65 grammi, instab li kien partijiet minn pjanti imfarrka tal-*

*Cannabis. F'dan il-haxix imfarrak instabet fih is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-purita' medja tal-haxix imfarrak ghas-sustanza THC kienet ta' circa 07.3%. Il-pjanta tal-Cannabis hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

e. *Li nstabu tracci tas-sustanza Lidocaine f'zewg boroz zghar tal-plastik fid-dokument 400/11/08. Is-sustanza Lidocaine, li hija local anesthetic u antiarrhythmic, mhix kontrollata bil-Ligijiet ta' Malta;*

f. *Is-sustanza bajda li kien hemm fid-dokument 400/11/04, instabet li kienet Citric acid. Ghalkemm is-sustanza Citric acid mhix ikkontrollata bil-Ligi din tista' tigi wzata fit-tehid tad-droga Herojina, biex is-sustanza Herojina tkun tista' tissajjar;*

g. *Li nstabu tracci tas-sustanza 6-Monoacetylmorphine fuq it-tlett kuccarini tal-metall li kien hemm fid-dokument 400/11/07. Is-sustanza 6-Monoacetylomorphine hija prodott ta' degradazzjoni tas-sustanza Herojina. Din is-sustanza tifforma meta l-Herojina tkun giet imsajra;*

h. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq it-tliet (03) bicciet foil li kien hemm fid-dokument 400/11/06, u l-mizien elettroniku li kien jahdem u s-sikkina li kien hemm fid-dokument 400/11/08;*

i. *Illi fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm f'hames (05) boroz zghar tal-plastik fid-dokument 400/11/08, f'ammont nett totali ta' 38.13 grammi, instabet fih is-*

*sustanza Herojina. Il-purita' medja tat-trab ta' lewn kannella ghas-sustanza Herojina kienet ta' circa 27.3%;*

j. *Illi fis-sustanza bajda li kien hemm f'boroz tal-plastik fid-dokument 400/11/08, f'ammont nett totali ta' 0.40 grammi, instabet fih is-sustanza Kokajina. Il-purita' medja ghas-sustanza Kokajina kienet ta' circa 8.1%.*"

Dwar it-traffikar tad-droga u l-aggravant taht l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligiijet ta' Malta, rat ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri fejn ikkonkluda:

*"Mill-fatti li gew a konjizzjoni u mill-konstatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher illi parti mir-ricent tal-Gnien tac-Cini u l-Football Ground u l-Playing Field jaqghu fid-distanza ta' mitt (100) metru mill-post indikat lill-esponent……"*

(vide Dok VS).

Jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-**<u>Espert Mario Buttigieg</u>**, illi l-hsara sofferta fuq il-vettura IAK607 kienet tammonta ghal mitejn u disghin Ewro (€290), vide Dok MB a folio 60.

L-Espert **Dr Martin Bajada** ghamel l-ezamijiet u analizi fuq it-tliet (3) cellulari maqbuda minghand l-imputat – senjalament wiehed ghandu jhares lejn il-messaggi li l-espert estratta mill-istess cellulari, messaggi li huma fil-fatt, u din hekk turi, l-esperjenza relatata mat-traffikar tad-droga.

Rat ukoll ix-xhieda ta’ **Stephen Cachia** li f’isem Tranport Malta xehed illi l-vettura ABQ262 Peugeot 604 blu kienet registrata fuq Costantino Felice, l-imputat (vide Dok SC, folio 240).

Rat ukoll ir-rizultanzi ta’ **Dr Anthony Cutajar** mahtur biex jigbor lista tal-assi tal-imputat. Rat a folio 16 it-tfaddil irrizorju li ghandu l-imputat - il-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta, zewg savings ta’ €3.73 u €0.01; mal-HSBC Bank Malta plc kellu kont ta’ tfaddil fl-ammont ta’ €1.42.

Ghandu registrati fuqu erba’ (4) karozzi – Vauxhall, Mazda 626, Daewoo Racer, u l-Peugeot 607 gia’ msemmija.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti fil-konfront tar-recidiva, u x-xhieda tal-**Ispettur Jesmond Micallef** fil-konfront ta’ dik

deciza fis-sena 2010, Dok JF4, li pero hija wahda li tapplika l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ix-xhieda tal-**Ispettur Joseph Mercieca** li kkonferma l-identita’ ta’ Costantino Felice fil-konfront tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 22 ta’ Awwissu, 2007, fejn l-imputat gie kkundannat ghal piena karcerarja ta’ hames (5) snin.

Rat ukoll is-Social Inquiry Report redatt.

Ikkunsidrat:

Dak kollu li gie trattat mill-partijiet dwar il-piena, u t-talba proposta Lilha fir-rikors ai termini tal-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset l-ammont ta’ droga u n-natura tad-droga misjuba, kif ukoll il-valur globali tal-istess droga u cioe’ ta’ disgha u tmenin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€89.43) cannabis u ta’ elf erba’ mija u tlieta u hamsin Ewro u disghin centezmu (€1,453.90) kokaina;

Rat ukoll l-ammont ta’ flus misjuba ghandu u l-ammont ta’ flejjes li ghandu goz-zewg banek kif suespost;

Rat ukoll illi ghandu registrati f’ismu erba’ (4) vetturi u li fuq kollox l-imputat iddikkjara fl-interrogatorju li huwa dizokkupat.

Illi tenut dan kollu espost, il-Qorti qieghda fuq l-ammissjoni tal-imputat, u wara li rat Lilha kollha rizultanzi mill-atti processwali, issib htija fil-konfront ta’ Costantino Felice u dan wara li rat id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; ir-Regolament 8 GN 292/1939; ir-Regolament 9 L.S. 101.02; l-Artikoli 325, 49, 50, 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll dwar il-piena, l-Artikolu 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikundannah ghal piena karcerjarja effettiva ta’ erba’ (4) snin, u multa ta’ erbat elef Ewro (€4,000) konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa; kif ukoll ghall-iskwalifika milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur minn meta din id-decizjoni tghaddi in gudikat (rat ukoll l-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Bl-applikazzjoni tal-Artikoli 23 u 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-flejjes misjuba ghand l-imputat fis-somma ta’ erbat elef u sittax-il Ewro (€4,416) bir-refernza KB577.2011; kif ukoll il-vettura Peugeot 607 bin-numru tar-registrazzjoni ABQ262 ezebita formalment fis-seduta ta’ nhar it-30 ta’ Novembru, 2011;

Kif ukoll il-mobiles ezebiti u mmarkati bhala KA 97.2012.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna li l-imputat ihallas is-somma ta’ erbat elef tliet mija u zewg Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€4,302.78) inkorsi fi spejjez peritali, liema spejjez huma konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Tordna wkoll id-distruzzjoni ta’ kull droga ezebita u mmarkata KB 29.2012.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------